MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2005

Rikors Numru. 1/2002/1

**Referenza kostituzzjonali fl-atti tar-rikors nru 1/2002 fil-Bord ta' l-Arbitraġġ dwar Artijiet fl-ismijiet:**

**Kummissarju ta' l-Artijiet**

***Versus***

**Giuseppe u Francesca Pulis u Dr Anthony Cutajar u P.L. Luisa Tufigno nominati b'dikriet ta' l-4 ta' Jannar 2001 biex jirrappreżentaw sid jew sidien mhux magħrufa**

Dan il-provvediment huwa dwar referenza mill-Bord ta' l-Arbitraġġ dwar Artijiet ta' kwistjoni li tolqot id-drittijiet fondamentali mħarsa taħt l-artt. 37 u 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ġil-Kostituzzjoniħ u taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ġil-Konvenzjoniħ.

Id-dikriet tal-Bord ta' l-Arbitraġġ dwar Artijiet li bih saret ir-referenza lil din il-qorti ingħata waqt seduta tas-26 ta' Settembru 2003 u jgħid hekk:

Dr Thomas Abela għall-intimati Giuseppe Pulis *et* qiegħed jitlob referenza tal-każ quddiem il-Qorti Kostituzzjonali minħabba ksur tal-provvedimenti kostituzzjonali dwar ħlas ta' kumpens xieraq minn esproprju u tal-provvediment ta' l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dwar smigħ xieraq fi żmien raġonevoli.

… … …

Il-bord jibgħat l-atti quddiem l-onorabbli Qorti Kostituzzjonali.

Fil-fatt l-atti ntbagħtu quddiem din il-qorti, kif trid il-liġi fl-art. 46(3) tal-Kostituzzjoni:

**46.** (3) Jekk f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin), dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skond dan is-subartikolu u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skond dik id-deċiżjoni.

u fl-art. 4(3) ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea:

**4.** (3) Jekk f'xi proċedimenti f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wieħed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il- Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja;  u dik il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skond dan is-subartikolu u, bla ħsara għad- disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skond dik id-deċiżjoni.

Il-fatti li wasslu għal dan l-episodju ġraw hekk:

B'avviż għall-ftehim maħruġ taħt l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi l-Kummissarju ta' l-Art kien għarraf lil Giuseppe Pulis *et* bħala sidien ta' art li kellha tittieħed mill-gvern taħt dik l-Ordinanza bil-kumpens li l-gvern kien qiegħed joffri li jħallas għat-teħid ta' l-art. L-intimati Pulis *et* b'ittra uffiċjali tat-28 ta' Ġunju 2000 u oħra tal-15 ta' Jannar 2001 stqarrew illi ma aċċettawx il-kumpens offert.

Għalhekk b'rikors tas-7 ta' Jannar 2000 quddiem il-Bord ta' l-Arbitraġġ dwar Artijiet il-Kummissarju ta' l-Art talab illi dak il-bord, wara li jiffissa kumpens għall-art li kellha tittieħed, jikkundanna lill-intimati Pulis *et* jittrasferixxu l-art lilu, jaħtar nutar biex jippubblika l-att relattiv u jaħtar kuraturi biex jidhru fuq l-att f'isem min ma jersaqx għall-pubblikazzjoni.

L-intimati wieġbu fid-19 ta' Frar 2002. Qalu *inter alia* illi l-kumpens li ried iħallas il-gvern huwa "irrisorju u redikolu", illi l-gvern daħal fl-art u ħadha bla ma mexa bil-proċeduri li trid il-liġi, u illi ma kienx hemm biss art iżda wkoll bini fuqha li twaqqa' u li ma tqiesx il-valur tiegħu meta saret offerta ta' kumpens.

B'dikriet tal-15 ta' Marzu 2002 il-bord ordna li ma' l-atti quddiemu jkunu mehmuża l-avviż għal ftehim u l-atti l-oħra msemmija fir-rikors.

Fis-seduta tas-7 ta' Frar 2003 il-bord osserva illi "għadu ma sarx dak ordnat" bid-dikriet tal-15 ta' Marzu 2002.

Fl-20 ta' Ġunju 2003 il-bord reġa' osserva illi "fir-rikors hemm dokumenti neqsin"; dak in-nhar il-prokuratriċi legali li kienet qiegħda tidher għall-Kummissarju ta' l-Art qalet illi "ippreżentat id-dokumenti li hemm neqsin fir-reġistru kif suppost kellha tagħmel". Fil-fatt, iżda, fuq ir-rikors tas-7 ta' Jannar 2000 jidher li dak ir-rikors kien ippreżentat "bla dokumenti". Is-smigħ kien imbagħad differit għall-10 t'Ottubru 2003.

B'rikors ippreżentat fl-20 ta' Ġunju 2003, wara li s-smigħ kien ġie differit għall-10 t'Ottubru 2003, l-intimati Pulis, wara li osservaw illi l-Kummissarju ta' l-Art ma mexiex kif trid il-liġi u l-Kostituzzjoni meta ħa l-art tagħhom, illi d-dewmien kien qiegħed joħolqilhom frustrazzjoni għax huma xtaqu rimedju ġust fi żmien raġonevoli, u illi l-kummissarju kien naqas li jippreżenta d-dokumenti li ried il-bord, u qalu wkoll illi "lesti joqogħdu għal dak li

jiddeċiedu l-Onor. Membri Tekniċi tal-Bord u għal kull kumpens mistħoqq", talbu illi l-bord "igħaddi għall-ġudizzju finali tar-rikors 1/02 JC fi żmien raġonevoli, possibbilment bir-rikjam ta' l-istess rikors għal data aktar viċina mill-10 t'Ottubru 2003, u dana sabiex il-prokrastinazzjoni tar-rikorrent Kummissarju ta' l-Artijiet tiġi rimedjata minn dan l-Onor. Tribunal".

B'dikriet tat-2 ta' Lulju 2003 il-bord laqa' t-talba u appunta r-rikors għall-4 ta' Settembru 2003. Fl-4 ta' Settembru 2003 is-smigħ kien differit għas-26 ta' Settembru 2003. Fis-26 ta' Settembru 2003 il-bord, wara li reġa' osserva "li fil-proċess hemm dokumenti nieqsa", u ta d-dikriet ta' referenza miġjub fuq, bagħat l-atti quddiem il-qorti ta' kompetenza kostituzzjonali.

Meta nġiebu l-atti quddiemha, din il-qorti, billi d-dikriet ta' referenza kien x'aktarx lakoniku dwar il-kwistjoni preċiża li l-bord ried deċiżjoni ta' din il-qorti dwarha, b'dikriet tas-7 t'Ottubru 2003 stiednet lill-intimati Pulis *et* ifissru n-natura u r-raġunijiet ta' l-ilment tagħhom, u l-intimati għamlu dan b'nota ta' l-4 ta' Novembru 2003.

Il-Kummissarju ta' l-Art wieġeb fit-12 ta' Jannar 2004 u ressaq l-eċċezzjoni, fost oħrajn, illi r-referenza ma tiswiex għax, kemm skond l-art. 46 tal-Kostituzzjoni kif ukoll taħt l-art. 4 ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, referenza tista' ssir biss meta tinqala' kwistjoni li tolqot drittijiet fondamentali fi proċeduri quddiem qorti, u r-referenza tista' ssir biss minn "qorti".

***Dwar jekk il-Bord ta' l-Arbitraġġ huwiex "qorti" bis-setgħa li tagħmel referenza ta' kwistjoni dwar il-ksur ta' drittijiet fundamentali***

Fl-art. 47(1) tal-Kostituzzjoni il-kelma "qorti" hija mogħtija din it-tifsira għall-għanijiet tal-kapitolu ta' l-istess Kostituzzjoni dwar id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali:

"qorti" tfisser kull qorti f'Malta li ma tkunx qorti mwaqqfa bi jew skond liġi dixxiplinarja u fl-artikoli 33 u 35 ta' din il-Kostituzzjoni tinkludi, dwar reat kontra liġi dixxiplinarja, qorti hekk imwaqqfa.

Il-kwistjoni jekk il-Bord ta' l-Arbitraġġ ta' l-Artijiet jistax jitqies "qorti" skond din it-tifsira kienet mistħarrġa mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza mogħtija fit-30 ta' Ġunju 2004 *in re* **Kummissarju ta' l-Artijiet *versus* Ignatius Licari *nomine***. Il-Qorti Kostituzzjonali kienet qalet hekk:

… … … din il-Qorti tafferma li il-qrati li l-leġislatur qed jirreferi għalihom fis-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni (moqri fid-dawl kemm ta' l-Artikolu 47(1) kif ukoll tad-disposizzjonijiet l-oħra tal-Kostituzzjoni), kif ukoll fis-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 4 tal-Kap. 319 li ġie meħud testwalment mill-Kostituzzjoni, huma, fil-kamp ċivili, il-Qorti Ċivili, il-Qorti ta' l-Appell u l-Qorti Kostituzzjonali kwantu Qrati Superjuri, u l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) kwantu Qrati Inferjuri; u fil-kamp penali il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għal dak li huma l-Qrati Inferjuri, u l-Qorti Kriminali u l-Qorti ta' l-Appell Kriminali għal dak li huma Qrati Superjuri. Il-Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet la jista' jiġi kkunsidrat bħala Qorti Superjuri u anqas bħala Qorti Inferjuri f'dan is-sens; u għalhekk l-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(3) tal-Kap. 319 ma japplikawx għalih.

Din il-qorti, wara li tagħmel referenza għar-raġunijiet mogħtija fis-sentenza fuq imsemmija, toqgħod fuq il-konklużjoni tal-Qorti Kostituzzjonali u għalhekk tgħid illi, ladarba l-Bord ta' l-Arbitraġġ dwar Artijiet ma jitqiesx "qorti" għall-għanijiet l-art. 46 tal-Kostituzzjoni u ta' l-art. 4 ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, ma kellux is-setgħa li jagħmel din ir-referenza. Ir-referenza għalhekk ma tiswiex u din il-qorti ma tqishiex aktar, u lanqas ma hu meħtieġ li tqis l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-Kummissarju ta' l-Artijiet.

L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem din il-qorti jħallsuhom l-intimati Pulis *et.*

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------